MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 36/2009

**A B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti u l-konvenut izzewgu fit-28 ta’ Ottubru, 2006 u kellhom wild wiehed – F A E li twieldet fis-26 ta’ Jannar, 2007.

Illi l-esponenti u l-konvenut izzewgu wara li kienu ilhom jafu lil xulxin biss ftit gimghat u l-esponenti kienet harget tqila b’tarbija mill-ewwel.

Illi l-konvenut ikkuntratta dan iz-zwieg bl-eskluzjoni ta' elementi fundamentali taz-zwieg innifsu fosthom it-tiswir ta' familja u l-fedelta'.

Illi ukoll bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni ta' xejn dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga.

Illi ukoll il-konvenut satar mill-konnoxxenza tal-esponenti bosta aspetti importanti dwar hajtu fosthom li kien skonta sentenza ta' sentejn habs fir-Rumanija u kien jigdeb kontinwament dwaru nnifsu.

Illi wara zwieg qasir mizghud bi problemi, il-kontendenti kienu sseparaw konsenswalment.

Illi ghaldaqstant, iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Dicembru, 2001, huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (g) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti qed tikkonferma bil-gurament taghha l-fatti kollha kif kontenuti f'dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-28 t'Ottubru, 2006, huwa null u bla ebda effett skond il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (g) tal-imsemmi Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti.

Il-konvenut huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument esibit.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat bl-atti tal-kawza skond il-ligi, ghazel li ma jwegibx.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti minnufih ittenni illi:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega." ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

Il-Qorti tibda biex tinnota li, mix-xhieda tal-istess attrici, jidher mal-ewwel li din ir-relazzjoni kienet destinata biex tfalli. Il-mara f'dan iz-zwieg hija Maltija, ir-ragel huwa ta' nazzjonalita' Rumena. Iltaqghu f'Paceville fl-2006, sikru t-tnejn, kellhom x'jaqsmu flimkien u l-mara harget tqila. Meta ndunat, xi gimghat wara, ir-ragel kien ga siefer. Peress illi kienu zammew kuntatt, infurmatu bit-tqala. Gie lura Malta u beda jghix maghha. Ftit xhur wara zzewgu. Ir-ragel bilkemm kien jaf jitkellem bl-Ingliz. Ghamlu biss zmien qasir flimkien. Beda gej u sejjer mid-dar, l-ewwel darba meta t-tarbija kellha biss ftit gimghat. Tul ir-relazzjoni kollha, ir-ragel baqa' jizvoga fil-vizzji tax-xorb u l-loghob tal-azzard. L-istess tul ir-relazzjoni, l-attrici bdiet tiskopri kemm fil-fatt kien jigdeb zewgha, l-izjed wahda serja minn l-elenku ta' gideb, f'ghajnejn din il-Qorti hija dik li kienet tirrigwarda sentejn minn hajtu li hu kien dejjem jghid li qattaghhom jistudja fl-Universita' meta fil-fatt kien qed jiskonta piena karcerarja. Il-konvenut qatt ma hadem.

L-attrici qed titlob lill-Qorti tiddikjara null iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet a tenur tal-Art. 19 (1) (b) (c) (d) (f) u (g).

Il-Qorti teskludi mal-ewwel l-ezistenza ta’ xi fatturi li setghu jwasslu ghas-sitwazzjoni ravvisata mil-ligi fl-Art. 19 (1) (b). Ma kien hemm ebda zball ta’ identita’ ta’ xi parti f’dan iz-zwieg. Il-partijiet kienu jafu min kienu, u dan reciprokament u ghalhekk il-Qorti qed tiskarta mal-ewwel din il-kawzali.

Ta’ portata aktar fil-fehma ta’ din il-Qorti fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, hija l-kawzali li l-ligi tipprovdi ghaliha fl-Art 19 (1) (c) li testwalment jghid hekk:

“Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.”

F’materja ta’ qerq, l-insenjament ta’ dawn il-Qrati kien espress fil-kawza “**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-13 ta’ Marzu, 1995):

“Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.”

Fis-sentenza “**Marica D’Amato vs Philip D’Amato**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla, Imhallef Philip Sciberras, fil-31 ta’ Jannar 2003):

“Meta l-ligi titkellem “dwar xi kwalita’ tal-persuna l-ohra” wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita’, kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b’referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta’ dik il-verita’ dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.”

Imbaghad, il-Qorti tal-Appell, fil-kawza “**Louis Agius vs Georgia Agius xebba Gauci**”, (deciza fid-19 ta’ Ottubru 1988) qalet hekk:

“Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta’ “moral substitution” u kif spjegat mill-awturi (ara Wrenn L. “Annulment” pp 82 et seq) din tissussisti “when the quality is (i) an inherent property of the person, and not some isolated past action; (ii) present at the time of the wedding; (iii) grave either objectively or subjectively; (iv) unknown to the other party ; (v) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly, the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial.”

Il-Qorti hi tal-fehma li qerq li fil-fatt ipperpetwa l-konvenut meta sostna li kellu edukazzjoni terzjarja, meta fil-fatt kien skonta piena karcerarja tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha rikjesti. Passat kriminali mistur certament sejjer jipprovoka l-krizi li jirreferi ghaliha l-awtur fuq citat meta xi darba tigi skoperta.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi galadarba stabbiliet in-nullita’ ta’ dan iz-zwieg a tenur tal-Art. 1(c), m’hijiex ser tikkunsidra l-kawzali l-ohra nvokati mill-attrici.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tal-attrici u tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-28 ta’ Ottubru 2006 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------